**13 ta' Diċembru, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Anthony Micallef Trigona, P.L.

**Perikolu fil-Bini — Ubbidjenza għall-Ordnijiet tal-Pulizija — Eredità Ġjaċenti — Kuratur — Appell — Art. 658 u 352 (ċċ) tal-Kodiċi Kriminali — Art. 18 tal-Kap. 13.**

*Il-proprjetarju ta' bini li jkun fi stat ta' tiġrif u ta' perikolu għan-nies u għall-proprjetà ta' ħadd ieħor, jekk jiġi avżat mill-Pulizija sabiex jagħmel dak il-bini fi stat tajjeb ta' tiswija u ma jobdix dak l-ordni, jikkommetti kontravvenzjoni għad-dispost relattiv tal-liġi.*

*Jekk is-sentenza tal-Maġistrat, li quddiemu jiġi mressaq dak il-proprjetarju biex iwieġeb għal dik il-kontravvenzjoni jiddikjara l-proċediment eżawrit fuq il-motiv li l-inkwilini jkunu ħarġu mill-post, ma jistax jingħad li l-Prosekuzzjoni ma tistax tappella minn dik is-sentenza billi jiġi allegat li ma hemmx sentenza, la liberatorja u lanqas kundannatorja; għax is-sentenza, fis-sens tagħha ampju kif mogħti fil-liġi, tikkomprendi anki kull ordni definittiv ieħor, u hekk, b'din id-definizzjoni, l-Ewwel Qorti tkun ħelset l-imputat mill-eżekuzzjoni ta' obligu, ċjoè li jeżegwixxi l-ordni lilu mogħti mill-Pulizija; u dan hu appuntu wieħed mill-każijiet li fihom il-Prosekuzzjoni tista' tappella.*

*Il-fatt li l-inkwilini jkunu ħarġu mill-post ma jneħħix, sakemm il-perikolu ma jiġix rimoss, li l-fabbrikat jista' jkun ta' perikolu għan-nies, jekk mhux anki għall-proprjetà ta' ħadd ieħor; u l-liġi ma teżiġix li jkun hemm il-perikolu ta' ħsara kumulattivament għan-nies u għall-proprjetà, imma jew wieħed jew l-ieħor. Għaldaqstant, avvolja l-inkwilini jkunu ħarġu mill-post, hemm il-kontravvenzjoni tal-proprjetarju; u kien ikun assurd li wieħed jeżiġi li, biex tiġi ntegrata l-kontravvenzjoni, l-inkwilin għandu jibqa' fil-post waqt li jipperdura l-perikolu, bi skapitu potenzjali tal-inkolumità tiegħu.*

*Lanqas ma jiswa bħala difiża tafba l-fatt illi l-proprjetarju huwa kuratur ta' eredità ġjaċenti, u li ma għandux fondi b'ex jiffronteġġja l-ispiża għax l-eredità hija passiva. Għal din id-diffikultà hemm rimedji oħra.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputat, talli f'dan l-aħħar xahar ma obdiex l-ordni tal-Pulizija, billi ħalla l-post no. 10 f'Carmel Street, St. Julian's, proprjetà tiegħu, fi stat ta' tiġrif u b'perikolu għan-nies u għall-proprjetà ta' ħadd ieħor, wara li kien ġie avżat bil-miktub mill-Pulizija fl-14 ta' Ġunju 1958, biex jagħmel l-imsemmi bini fi stat tajjeb ta' tiswija fi żmien 30 jum mill-14 ta' Ġunju 1958, u b'daqshekk kiser il-provvedimenti tal-art. 18 tal-Kodiċi tal-Pulizija u l-art. 352 (ċċ) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 13 u 12 rispettivament;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-16 ta' Ottubru 1958, li biha ddikjarat il-proċediment eżawrit, fuq il-motiv li sadattant l-inkwilini kienu telqu mill-post, u għalhekk ġie eliminat il-perikolu;

Rat ir-rikors tal-Prosekuzzjoni, li bih appellat missentenza fuq imsemmija, u talbet li tiġi revokata, u li l-imputat jiġi dikjarat ħati skond il-liġi u kundannat konformement ;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Id-difiża eċċepiet l-inappellabbilità, maġġjorment fuq il-motiv li ma hemmx sentenza, la liberatorja u lanqas kundannatorja;

Dan il-motiv ma jreġġix. Infatti. is-sentenza, fis-sens tagħha ampju, kif mogħti fl-art. 658 Kap. 12, tikkomprendi anki kull ordni definittiv ieħor, jew, kif kien jgħid it-test taljan antik fl-artikolu allura nru. 634, "Od altra definizione che desse la Corte". Issa, fil-każ preżenti, b'din id-"definizzjoni" l-Ewwel Qorti ħelset lill-imputat mill-eżekuzzjoni ta' obligu, ċjoè li jeżegwixxi l-ordni lilu mogħti mill-Puli-

*zija (fol. 5) taħt il-Kap. 13; u dan hu appuntu wieħed mil-*każijiet li fihom il-Prosekuzzjoni tista' tappella (art. 425 (1) (b) (vii) Kap. 12);

Ikkunsidrat; fil-meritu;

Il-fatt li l-inkwilini ħarġu mill-post ma jneħħix, sakemm il-perikolu ma ġiex rimoss, li l-fabbrikat jista' jkun ta' perikolu għan-nies, jekk mhux anki għall-proprjetà ta' ħadd ieħor. Hemm dejjem il-possibbiltà li jidħol ħadd ieħor fid-dar, anki mhux bħala inkwilin. Il-liġi — art. 18 Kap. 13 — ma teżiġix li jkun hemm il-perikolu ta' ħsara kumulattivament għan-nies u għall-proprjetà, imma jew wieħed jew l-ieħor;

Del resto, hu ċert li r-rapport li għamel l-inkwilin lill-Pulizija sar fil-11 ta' Ġunju 1958 (ara xhieda Surġent Portelli), u ċert ukoll li dan l-inkwilin ħareġ xi xahar wara r-rapport; issa, fl-14 ta' Ġunju 1958 il-Pulizija bagħtet avviż lill-imputat (fol. 5) dwar il-perikolu, li ma ġiex rimedjat sal-lum; mela hu ċert li fil-kors tat-terminu tal-avviż kien hemm l-inkwilini fil-post, u l-avviż hu parti essenzjali minn din il-proċedura, tant li, mingħajr prova tiegħu, iċ-ċitazzjoni ma treġġix (App. Krim. "Pulizija vs. Dr. Farrugia", 15.3.58). Sakemm l-imputat ma obdiex l-ordni lilu mogħti fl-avviż, hu kien qiegħed jikser il-liġi, u l-inkwilini kienu għadhom fil-post, u din iċ-ċitazzjoni hi bażata appuntu fuq il-ksur tal-ordni tal-Pulizija għat-termini tal-art. 352 (ċċ) Kap. 12, oltrekkè fuq l-art. 18 Kap. 13. Għandu anki jiġi osservat li l-inkwilini ġew maħruġin mill-post mill-Pulizija, appuntu minħabba l-perikolu; u kien ikun assurd li wieħed jeżiġi li, biex tiġi ntegrata l-kontravvenzjoni, l-inkwilin għandu jinżamm fil-post waqt li jipperdura l-perikolu, bi skapitu potenzjali tal-inkolumità tiegħu;

Ingħad li l-imputat hu ċitat bħala kuratur tal-eredità, ġjaċenti ta' ċertu *Darmenia, u li l-eredità hi passiva,* u għalhekk ma hemmx fondi biex jiffronteġġjaw ir-riparazzjoni li għandha ssir. Din l-eċċezzjoni ma treġġix; għax allura jiġi li jista' jagħtiha b'suċċess anki min ikollu fond li qiegħed jirrovina b'perikolu għan-nies u/jew għall-proprjetà, u jeżimi ruħu mill-obligu li jagħmel dak li jeħtieġ

fuq il-motiv tan-nullabbjenza. Jekk hu possedut il-fond, jista' anzi jsir mutwu fuqu għat-tiswija tiegħu, peress li dan il-mutwu jkun privileġġjat skond il-liġi (art. 2114(b) Kap. 23), u għalhekk debiti oħra ma humiex ta' ostakolu;

Ikkunsidrat;

Peress li l-inosservanza tal-liġi kienet motivata bil-fatt li l-imputat seta' ħaseb li hu kien ġustifikat li ma jagħmel xejn minħabba li l-eredità, li tagħha hu jew kien kuratur, hi passiva, u anki għax l-inkwilini ħarġu, hemm lok għall-provvediment infraskritt;

Għalhekk tiddeċidi billi tilqa' l-appell tal-Prosekuzzjoni, tirrevoka l-pronunċja tal-Qorti fuq imsemmija, tiddikjara l-imputat ħati. u wara li rat l-art. 18, 313 u 314 Kap. 13, u 352 (ċċ) tal-Kap. 12, tikkundannah għall-piena talammonizzjoni u riprensjoni; iżda, wara li rat l-art. 8 tal-Kap. 118, tordna li l-kundanna ma tiġix imniżżla fil-kondotta tal-imputat;

Tastjeni milli tagħti lill-imputat terminu biex ineħħi l-inkonvenjent, peress li jirriżulta li hu ma għadux kuratur tal-wirt ġjaċenti ta' Joseph Darmenia; iżda ġie sostitwit, u għalhekk ma jistgħax ikollu "locus standi" biex jieħu passi. Tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi notifikata mill-aktar fis lill-kuratur sostitwit Dr. Renè Conti.